II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1488

### tal-18 ta' Awwissu 2017

### li jemenda għall-274 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fis-9 ta' Awwissu 2017, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda entrata waħda fil-lista tiegħu tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-18 ta' Awwissu 2017.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

---

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

*ANNESS*

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi", id-dejta tal-identifikazzjoni tal-entrata:

"Rustam Magomedovich Aselderov (skript oriġinali: Рустам Магомедович Асельдеров) (alias (a) Abu Muhammad (skript oriġinali: Абу Мухаммад), (b) Abu Muhammad Al-Kadari (skript oriġinali: Абу Мухаммад Аль-Кадари), (c) Muhamadmuhtar (skript oriġinali: Мухамадмухтар). Data tat-twelid: 9.3.1981. Post tat-twelid: Iki-Burul Village, Iki-Burulskiy District, Republic of Kalmykia, Russian Federation. Nazzjonalità: Il-Federazzjoni Russa. Nru tal-passaport: Passaport Russu Nru 8208 Nru 555627, maħruġ minn Leninskiy Office, id-Direttorat tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni tal-Federazzjoni Russa għar-Repubblika ta' Dagestan. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 12.12.2016."

tinbidel b'dan li ġej:

"Rustam Magomedovich Aselderov (skript oriġinali: Рустам Магомедович Асельдеров) (alias (a) Abu Muhammad (skript oriġinali: Абу Мухаммад), (b) Abu Muhammad Al-Kadari (skript oriġinali: Абу Мухаммад Аль-Кадари), (c) Muhamadmuhtar (skript oriġinali: Мухамадмухтар). Data tat-twelid: 9.3.1981. Post tat-twelid: Iki-Burul Village, Iki-Burulskiy District, Republic of Kalmykia, Russian Federation. Nazzjonalità: Il-Federazzjoni Russa. Nru tal-passaport: Passaport Russu Nru 8208 Nru 555627, maħruġ minn Leninskiy Office, id-Direttorat tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni tal-Federazzjoni Russa għar-Repubblika ta' Dagestan. Informazzjoni oħra: Maqtul fit-3 ta' Diċembru 2016 f'Makhachkala, ir-Repubblika ta' Dagestan, il-Federazzjoni Russa. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 12.12.2016"